PDF Compressor Pro



# Quddiesa ta' Radd il-Ħajr

Il-Moviment *Pro Sanctitate* f'Għawdex fakkar il-81 sena ta' ħajja tal-Eċċ. Tiegħu. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, b'konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fiż-Żona taċ-Ċawla, ir-Rabat, nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu, fis-6.00 ta' filgħaxija.

Flimkien mal-Isqof Cauchi kkonċelebraw ukoll l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech, il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci u numru sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi, fosthom l-Arċipriet Tarċisju Camilleri, Segretarju tal-Kulleġġ tal-Kappillani.

Wara li rringrazzja lil Alla għal dak kollu li għamel miegħu matul dawn is-snin kollha, Mons Cauchi reġa' għal darb'oħra f'din l-okkażjoni wkoll talab skuża lil min forsi b'xi mod setgħa naqas u rringrazzja lil kulħadd għall-appoġġ u lealtà lejn il-Knisja.

Joe Psaila, editur tal-perjodiku ta' kull xahar, 'il-ħajja f'Għawdex' qara l-lezzjoni. Il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons Giovanni Bosco Gauci qara l-Evanġelju. It-talbiet inqraw minn diversi.

Il-kant tmexxa mill-Kor Fraternitas taħt id-direzzjoni ta' Mary Rose Attard. Wara l-quddiesa, Mons. Isqof Cauchi ltaqa' mas-saċerdoti u reliġjużi, fis-sala taċ-Ċentru Pastorali, fejn ħadu kafè flimkien waqt li Mons. Isqof qasam ukoll kejk żgħir tal-okkażjoni.



*Mons. Isqof Nikol Cauchi waqt l-omelija tal-okkażjoni. Jidhru wkoll Mons. Isqof Mario Grech (xellug) u l-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci*



*Joe Psaila jaqra l-lezzjoni*



*Jidhru wħud mill-membri tal-Kor Fraternitas waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa ta' Radd il-Ħajr*



*Mons. Isqof Cauchi jaqsam kejk żgħir tal-okkażjoni*



## Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Frar, Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa li fiha ta l-Ministeru tal-Lettorat lis-seminaristi Mark Bonello (Xagħra) u Daniel Grech (Kerċem). Il-quddiesa ġiet iċċelebrata fil-parroċċa ta' Sannat.

Fir-ritratt mix-xellug jidhru, ir-Rettur tas-Seminarju Fr Daniel Xerri, is-Seminarista Daniel Grech, Mons Isqof Mario Grech, is-Seminarista Mark Bonello, id-Direttur Spiritwali tas-Seminarju Fr Joseph Farrugia u l-Viċi Rettur Fr Michael Curmi.

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



*Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla. Jidhru wkoll ir-Rettur tas-Santwarju Fr Gerard Buhagiar (xellug) u Mons Carmelo Hili*

# Preżentazzjoni tat-Trabi

Fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, Mons Isqof Mario Grech mexxa ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla li fiha saret il-preżentazzjoni tat-trabi. Mons Isqof tkellem fuq is-sbuħija tal-familja u fuq kemm hi sabiħa illi l-familja tagħti l-ħajja u kemm wieħed għandu japprezza l-imħabba u s-sagrifiċċju tal-ġenituri biex irabbu u jedukaw l-ulied.



*Helena Agius mix-Xagħra b'binha Diego*



*Uħud mill-familji preżenti fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu*


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***